**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 83

**9 ta' Mejju, 2019**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fis-seba' nieqes kwart ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Matthew Dimech – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 83.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**83.1.1 Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

## 83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**83.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kienx hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 83.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**83.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu iċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier F Roe ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier L Cachia Castelletti issekondat.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 83.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

**83.4.1 Is-Sindku Max Zammit irringrazzja lill-Kunsilliera kollha tali tawh l-opporunita' li jitla l-"*UNECE Mayors at the Day of the Cities*" f'Geneva fit-8 ta' April,2019. Huwa qal li din kienet esperjenza sabiħa u kienet interessanti ħafna. Kellu ukoll l-opportunita' li jiltaqa ma Sindki ta' pajjiżi oħra fejn kulħadd beda jgħid l-esperjenzja tiegħu.**

**83.4.2 Is-Sindku qal li minħabba l-uffiċjali tal-*lesa* ma jaqawx taħt il-kunsilli qed jipproponi, hekk rridux nikkunsidraw nagħtu kamra lill- kumpanija tal-*lesa*. Il-kunsill qabel.**

**83.4.3 Is-Sindku qal li hemm ċans kbir li ser nkunu l-ewwel lokalita' f'Malta li jkollna *solar bins*. Dan huwa bin li jaħdem b'sistema ta' *application* fuq il-mowbajl, fejn meta jintela l-bin jibgħat messaġġ. Qal ukoll li dan is-solar bin jimtela sa ħames darbiet u b'hekk nkunu qed niffrankaw ukoll it-tniġies fl-arja minħabba t-truck jiġi nqas drabi biex ibgħattal.**

**83.4.4 Is-Sindku qal li s-Sur Mario Psaila Savona għandu siġra b'*memorial* għall-familjari tiegħu u qed jissuġġerixxi biex nagħmluwha jew Triq ix-Xatt fejn kienet waqet is-siġra tal-prinjol jew nkella ħdejn it-tmun.**

**83.4.5 Is-Sindku qal li s-Sibt 18 ta' Mejju, 2019 ser ikun hawn *open day* fil-Kunsill stess fejn ser jiġi spjegat kif dawn ir-robots jaħdmu. Is-Sindku qal li l-ispejjeż tal-*open day* ser noħduhom mil-fondi ta' CIF Funds li konna erbaħna mir-Regjun Ċentru. Spjega ukoll li ser jitqasmu xi *flyers* u *posters* fil-lokalita' ta' Ta' Xbiex kif ukoll fil-lokalitajiet li jaqaw taħt ir-Regjun Ċentru.**

**83.4.6** **Is-Sindku qal li din is-sena l-membri tal-ECAD ser jiltaqaw fit-13 u 14 ta' Ġunju f'Cork ġewwa Ireland. Il-Kunsill qabel li jmorru s-Sindku Max Zammit u l-Kunsilliera Frank Roe u Eugenio Muscat.**

**83.4.7** **Is-Sindku qal li konna rċevejna €950 mid-Dipartiment minħabba li nnselfu l-*Conference room* darba fil-ġimgħa biex issir il-kors tal-*Crochet* tal-*Lifelong Learning*. L-istudenti kienu infurmawna li għandhom bżonn projector. Għaldaqstant il-Kunsill nefaq dawn il-flus f'projector, te', kafe, galletini li nipprovdulhom waqt il-lezzjoni u servizz ta' cleaner għal wara li jkunu lestew mil-lezzjoni.**

**Il-Kunsill qabel.**

**83.4.8** **Is-Sindku qal li rċevejna komunikazzjoni mid-Dipartiment fejn talbu biex nġibu kwotazzjonijet għal sistema ta' irrigazzjoni. Huwa suġġeriexxa li nagħmluha fi Triq Prinċipessa Margerita quddiem Blk B's u C's u fejn hemm il-bandiera.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 83.5 Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**83.5.1** **Il-Kunsillier Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni li hemm *bin* quddiem il-*BRASA restaurant* fi Triq Abate Rigord li qed itellef milli jiftħu tieqa. Il-Kunsill qabel li jinqala u jitweħħel fil-kanutniera ta' Triq Prinjolata fejn ma jtellef lil ħadd.**

## 83.6 Ringrazzjament lill-membri kollha tal-kunsill tax-xogħol kollu li twettaq;

**83.6.1** **Is-Sindku Max Zammit irringrazzja lill-kunsilliera kollha ta' din leġislatura tal-għajnuna li taw kollha fil-lokalita' Ta' Xbiex. Is-Sindku qal li kienet esperjenza sabiħa. Għalkemm m'għadhomx magħna s-Sindku sellem ukoll lill-Kunsilliera Anthony Cachia Castelletti u Richard Chetcuti.**

## 83.7 Ritratt Kunsilliera;

**83.7.1** **Is-Sindku ssuġġerixxa li għada l-Ġimgħa fl-10 ta' Mejju 2019 jieħdu ritratt tal-Kunsilliera.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 83.8 Publikazzjoni Kunsill;

**83.8.1** **Is-Sindku qal li tkun idea tajba li nippublikaw *magazine* fuq ix-xogħlijiet li saru matul din il-leġislatura u peress li f'Ta' Xbiex għandna residenti barranin, qal li *magazine* għandu jiġi miktub bil-malti umbad ikun hemm partijiet fejn ikun miktub bl-ingliż ukoll.**

**Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jiktbu l-parti tagħhom.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 83.9 Sigurta' fil-Lokal;

**83.9.1 Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera li f'Ta' Xbiex qed ikun hawn numru ta' serq u flimkien mal-Viċi Sindku Ronnie Portelli nnotaw ukoll li kien qed ikun hemm il-marki mal-bibien.Is-Sindku rrikomanda lil dawk ir-residenti li sabu xi sinjali mal-bieb tagħhom li jirraportaw lill-pulizija biex jiġu jinvestigaw umbad jħassruhom il-pulizija wara li jiġu fuq il-post.**

**Il-Kunsill qabel li ma tinħariġx *notice* biex ma nalarmawx lin-nies.**

**83.9.2 Sindku qal li għamel kuntatt mal-Assistent Kummissarju Sandro Mamo biex ikun hemm diversi pulizija pajsana, raids bil-karozza. Ġie infurmat mir-residenti li dawn kienu qed idduru. Ir-residenti ħadu pjaċir ħafna.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat ikkonferma li r-raids qed isiru għax ir-residenti infurmawh li kellhom suspett li kien hemm xi ħallelien qed iduru fit-toroq u meta rraportaw lill-pulizija huma ġew infurmati li dawk kienu CID.**

**83.9.3 Is-Sindku suġġerriexa biex nerġgħu mmorru lura sentejn ilu fejn bħala Kunsill diġa kelna kuntratt biex issir *cctv* pero issa minħabba l-GDPR għalissa tiġi illegali.**

**Is-Sindku prova jgħid lill-pulizija biex huma jwaħħlu *cctvs* biex anke aħna ma jkolllniex għalfejn nagħmlu *monitoring*.**

**Il-Kunsill qabel li nilħqu nġibu kwotazzjonijiet ta' *360 deg cameras*.**

**83.9.4 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-bieraħ kien hemm karozza bla *no plate* u meta rraportaw lill-pulizija damu ma ġew fuq il-post.**

## 83.10 *Update* proġetti eżistenti u oħrajn fil-proċess;

**83.10.1 Is-Sindku qal li l-*approval* tad-*Direct Order* nħareġ min naħa tal-ministeru u l-kuntrattur il-ġdid Simon Sammut jista jibda min nhar il-Ġimgha 10 ta' Ġunju, 2019.**

**83.10.2 Is-Sindku qal li l-avukat kiteb lill-kuntrattur Catbros li kelna qabel, fejn infurmah li l-kuntratt tiegħu ser jiġi terminat.**

## 83.11 *Traffic Management* Triq ix-Xatt kantuniera ma Triq Sir Augustus Bartolo;

**83.11.1 Il-Kunsill qabel li għalissa nħallu kollox kif inhu.**

## 83.12 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**83.12.1 Ma kienx hemm.**

## 83.13 Rapporti mill-Kunsilliera;

**83.13.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qabel mas-sindku li kienet leġislatura sabiħa ħafna.**

83.13.2 **Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni biex ineħħu z-zokk ta' triq ix-Xatt.**

**Il-kunsill qabel u nagħmlu siġra bħala fl-istess post.**

83.13.3 **Eugenio Muscat qal li x-xatt hemm il-karozza tal-elettriku fuq in-naħa tar-residenti. Għaldaqstant issuġġerixxa li dawn issiru in-naħa tal-ġnien ħalli ma jnaqqsux parkeġġ minn tar-residenti.**

**Il-Kunsill qabel.**

**Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 17 ta' Ġunju, 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.**

83.14 **Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2019.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________ | __________________ |
| **Max Zammit** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |